.

# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba’ Legislatura

Laqgħa Numru 8/2018

2 ta' Lulju 2018

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħal Safi ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f’40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-2:00pm.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | |
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

| | |
|---|---|
| Skużat: | |
| Carlo Stivala | Kunsillier |

| | |
|---|---|
| Uffiċjal Preżenti: | |
| Doris Baldacchino: | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

8.1 Qari tal-Ittri ta’ apoloġiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla kienet ser tasal ftit tard għal laqgħa, waqt li l-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala ma kienx ser jattendi għaliex kienet inqalgħet xi emerġenza fuq il-post tax-xogħol u għalhekk ma setax jattendi. Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala ġie skużat mil-laqgħa.

8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.2.1 Is-Sindku staqsa lil Viċi-Sindku kif kien baqa' fuq il-post tax-xogħol sabiex jkun jista' jiġi skużat mix-xogħol sabiex jattendi għal-laqgħat tal-Kunsill. Is-Sur Francis Callus ta spjegazzjoni x'kien ġara għaliex ma kienx ġie skużat għal laqgħa preċidenti u li minħabba f'hekk ma kienx attenda.

8.2.2 Il-Viċi-Sindku staqsa rigward ref punt 7.2.24 jekk kinux naddfu l-ilma fix- xelter għaliex kien ra lil tal-WSC bil-mutur. Is-Sindku kkonferma illi tal-WSC kienu ġew ibattlu l-ilma mix-Xelters. Is-Sindku qal illi kienu tawh il-parir illi għandna nħallu x-Xelter jinxef dan is-Sajf qabel nipruvaw innaddfuh mil-ħama u t-terrepien.

8.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 7.2.6, l-wiċċ ġdid bl-asphalt fi Triq San Tumas kienu bdew bix-xogħolijiet.

8.2.4 Is-Sindku qal illi ref punt 7.2.8 kellna ftit problema u li minħabba l-kuntrattur tagħna il-kuntrattur ta' Transport Malta li kien qiegħed jaħdem fi Triq li tagħti għall B’Bugia kellhom jieqfu mix-xogħol. Is-Sindku spjega illi l-ħaddiema tal-Kuntrattur tagħna ma kellhomx triq oħra sabiex joħorġu għal Ħal Far u għalhekk kienu ftehmu li jieqfu. Issa x-xogħolijiet għandhom jerġgħu jibdew f'nofs Lulju. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fil-fra temp, la mhux kien ser isiru aktar xogħolijiet, it-tabelli tal-One Way għandhom jitattew.

8.2.5 Il-Viċi Sindku qal illi ref 7.2.9 ma kinitx il-problema illi ma ħadimx għaliex żamm bookings oħra imma għaliex l-organizzatur qatt ma ftiehem miegħu u kien għalhekk li kien żamm l-bookings l-oħra.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 14:40

8.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 7.2.11 dak inhar illi l-ħaddiema tagħna kienu żebgħu l-linji fi Sqaq tal-Palma kien irċieva messaġġ ta' tgħajjir iffirmat fuq il-mobile tiegħu minħabba dawn l-istess linji. Huwa qal illi kien mar għamel rapport l-għassa u li l-pulizija kienu ser jieħdu passi kontra din il-persuna. Is-Sindku qal illi qabel saru l-linji kien kellem lil din il-persuna bil-kelma t-tajba sabiex ma jibqax jabbuża kif jipparkja sabiex ma jkun ta' nkonvinjent.

8.2.7 Is-Sindku qal illi l-ħarġa bil-Captain Morgan kienet ġiet skedata għall-Ħamis 26 ta' Lulju.

8.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 7.2.15 huwa kien qal illi kien hemm bandla waħda biss għal tfal naqra akbar. Is-Sindku qal illi konna biddilna u daħħalna play equipment different u li ma jaħsibx li kien hemm spazju għal aktar bandli.

8.2.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-ħarġa għal Sqallija kienet ser issir għal 11 t'Awwissu 2018

8.2.10 Is-Sindku qal illi ref punt 7.4.2 kien tkellem mal-Project Manager ta' Transport Malta li qiegħed jieħu ħsieb ix-xogħolijiet fi Triq il-Kuċċard sabiex l-tumbata li hemm tiġi rranġata.

8.2.11 Is-Sindku qal illi ref punt 7.4.16 il-Kunsill kien infurma lil Onorevoli Hermann Schiavone bir-risposta tagħna u li s'issa ma konniex ħadna tweġiba.

8.2.12 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien avża lill-Onorevoli Ġulia Farrugia bid-deċiżjoni tagħna rigward il-librerija fil-bandli u li l-inawgurazzjoni tal-librerija ser ssir nhar il-Ġimgħa 24 t'Awwissu 2018 fil-10:00am. Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu l-aħjar post għal-librerija huwa mal-ħajt.

8.2.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kien inxtara t-tarmac minħabba ref punt 7.4.11. Is-Sindu qal illi l-ħaddiema kienu qed iduru bil-marki tal-linji u ma xtaqx jaqlagħhom minn fuq dan ix-xogħol. Ix-xogħol bit-tarmac għandu jsir aktar tard.

8.2.15 Is-Sindku qal illi rigward in-Nursery huwa kien għamel talba għal lista ta' tfal li qed jattendu n-Nursery minn Ħal Safi.

8.2.16 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi d-deċiżjoni għal-permess tar-restaw` cxz tal-faċċata taċ-Ċentru Parrokjali kellha ssir fil-25 ta' Lulju 2018.

8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.3.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ħa proġett ieħor. Din id-darba l-proġett għandu jsir fi Sqallija – Villafranca Tirrena u l-isem tal-proġett ser ikun Dialogue between Youths and Politicians for a better EU.

8.3.2 Is-Sindku qal li kien ikkomunika ma Transport Malta rigward Triq il-Puniċi. Huwa qal illi f'din it-triq hemm nies li ilhom joqogħdu għal żmien kbir bit-triq maqlugħa. Is-Sindku qal illi Transport Malta tawh il-kelma illi avolja t-triq għadha ma nfetħitx, xorta waħda għandha ssir fi żmien viċin.

8.3.3 Is-Sindku qal illi persuna kienet talbitu mera fi Triq li tagħti minn Ġnien ta' Ball għaliex meta jkun ħiereġ mill-għalqa hemm kisra kerha u permezz ta' din il-mera jkun jista' jara minn ġej minn naħa ta' Ġnien ta' Ball.

Il-Kunsill iddiskuta l-problemi li jistgħu jinqalgħu issa li t-toroq rurali ser jiġu asfaltati minħabba s-sewqan eċċessiv fosthom il-problemi ta' min ser jibda jkollu jċedi fit-toroq rurali u jekk għandux jieħu d-dritt il-bidwi li jkun qiegħed b'makkinarju kbir. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħmlu tabella sabiex tingħata preċedenza lil bdiewa għaddejin b'makkinarju kbir

8.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

8.4.1 Il-Viċi-Sindku s-Sur Francis Callus qal illi fil-Bandli hemm nuqqas kbir ta' dawl. Is-Sindku qal illi t-tip ta' dwal illi ssuġerixxu illi jitwaħħlu l-Planning Funds ġew *discontinued* għalhekk il-brand jew tip ġdid ta' dwal illi l-kuntrattur għandu jridu jiġu approvati minn naħa tal-Planning Funds u li s'issa għad m'għandnix risposta.

8.4.2 Il-Viċi-Sindku s-Sur Francis Callus qal illi żewġ inspection boxes fl-area tal-Ħlantun kienu ġew diżastru. Il-Kunsill qabel illi għandna nqabbdu kuntrattur sabiex forsi jsiru ġodda bi pjanċa eħxen u l-brick imnaqqsa sabiex ikunu jifilħu għat-traffiku li jgħaddi minn dawn l-inħawi.

8.4.3 Il-Viċi-Sindku qal illi d-dustbins fl-area tal-Ħlantun m'humiex jitbattlu u li għandhom jitbatlu imqar darba fil-ġimgħa mill-ħaddiema tagħna.

8.4.4 Il-Viċi-Sindlu semma xi postijiet fejn qed isir abbuż mill-skart u l-Kunsill iddiskuta jekk hux aħjar inġibu l-green wardens. Il-Kunsill ma qabilx minħabba fl-ispiża u għal fatt li jista' jkun illi waqt li jkun hawn il-green wardens ma jsir abbuż u allura n-nefqa tkun saret għal xejn. Il-Kunsill qabel illi minflok għandna naraw x'inhi l-ispiża għal mobile kameras sabiex nkunu nistgħu nindirizzaw il-problema taż-żibel.

8.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi aħna u sejrin lejn Ġnien ta' Ball hemm tlett konki vojta forsi nkunu nistgħu nħawlu xi siġar hemm.

8.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk qabel waslet hi kinitx ġiet diskussa l-problema ta' Triq ta' Rqajja fejn qiegħdin jissuġerixxu illi nagħmlu double yellow lines sabiex ma jibqgħux jipparkjaw karozzi fil-kantuniera. Il-Kunsill qabel illi jekk isiru d-double yellow lines inkunu qiegħdin inżidu l-problema tal-parkeġġ li diġa jeżisti fir-raħal tagħna.

8.5 Konfini bejn Ħal Safi u ż-Żurrieq

8.5.1 Is-Sindku qal illi kienu avviċinawh xi persuni rigward triq minn Misraħ Ħlantun għal triq li tagħti għal Ħal Far. Is-Sindku qal illi l-Kunsill taż-Żurrieq kienu infurmaw lil dawn l-istess persuni illi t-triq imsemmija hija fir-responsabilita' tal-Kunsill ta' Ħal

Safi. Is-Sindku kkonferma illi skond il-konfini tad-dipartiment dan huwa veru pero' bl-istess argument triq minn Misraħ Ħlantun sal-post tan-nar ta' Ħal Safi (fejn il-Kunsill tagħna dejjem ħa ħsieb l-patching u l-ħaxix) hija fir-responsabbilita' tal-Kunsill taż-Żurrieq. Is-Sindku ssuġerixxa illi għandna navviċinaw lil Kunsil taż-Żurrieq sabiex isir qbil bil-miktub u nagħmlu talba lid-dipartiment sabiex dawn iż-żewġ toroq jinbidlu bħala konfini. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.6 Ġnien Dun Karm Vella

8.6.1 Is-Sindku qal illi kien qiegħed jippreżenta proposta sabiex isir tisbigħ ta' Ġnien Dun Karm Vella. Huwa qal illi dawn għadhom proposti biss u l-Kunsill lest li jilqa' kull suġġeriment. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal forsi nistgħu nżidu bandli ieħor għaliex il-Bandli qiegħed ikun mimli ħafna. Il-Kunsill qabel illi għandna noħorġu pjanta ta' kif qiegħdin nissuġerixxu li jsir il-Ġnien mal-fuljett bħala kunsultazzjoni man-nies tar-raħal.

8.7 Korrospondenza

8.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ċemplet persuna sabiex fi Triq l-isfel minn Ġnien ta' Ball nagħmlulu mera sabiex hu u ħiereġ mit-trejqa tiegħu jkun jista' jara minn ġej. Il-Kunsill qabel illi għandna naraw nistgħux nagħmlu mera fil-kantuniera u biha jkunu jistgħu jinqdew iż-żewġ individwi u qabel illi għandna nistennew sabiex isir l-asfaltar tat-triq qabel titwaħħal il-mera.

8.7.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet irċieviet talba sabiex isiru bollards quddiem il-Convenience Shop sabiex ma jibqax isir parking hemmhekk. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suġġeriment.

8.7.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet għamlet talba sabiex ikollna extension sabiex titlesta t-triq u anki sabiex nieħdu aktar fondi minħabba li l-kuntratt għal asfaltar tat-triq ġie ogħla mill-Bill of Quantities tal-Perit. Hija qalet li ż-żewġ talbiet ġew milqugħa.

8.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

8.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduata li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-4.48pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 2 ta' Awwissu 2018.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv